# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta tat-02 ta' Gunju, 2017

Talba Numru: 160/2016 AM3

Numru fuq il-Lista: 21

**Inserv Retail Limited**

**19, 20, 21 Triq il-Farkizzan**

**Mosta MST 4000**

**Vs**

**Sierra Book Distributors u Matthew Vella**

**'Brianzo', The Village, Triq il-Mediterran**

**San Giljan**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-Socjeta' attrici li permezz taghha talbet minghand l-konvenuti s-somma ta' disa' mija u erbatax-il ewro u sebgha u disghin centzmu (€914.97c) rapprezentanti hlas ta' kotba li gew ritornati lilhom mis-Socjeta' attrici.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghhom eccepew li t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li veru li huwa kien biegh u kkonsenja numru ta' kotba lill-attrici pero' mal-bejgh l-unika koncessjoni li kienet issir kienet dik li a diskrezzjoni assoluta tal-konvenut, uhud mill-kotba setghu jigu ritornati lill-eccipjenti u l-eccipjenti jekk irid u jekk jikkunsidra li jkun il-kaz jaghti credit note lill-attrici limitata ghal permuta tal-valur tal-oggetti inkluzi fil-credit note. Li qatt ma kien hemm ftehim bejn l-partijiet li setgha jkun hemm ritorn ta' xi kotba kontra rimbors ta' prezz; li s-Socjeta' attrici ghalqet il-hanut minghand ma infurmathom u ghalhekk ma setghux jaghmlu uzu tal-credit note u qed jippretendu l-flus kontanti tal-oggetti ritornati; li l-kumpanija attrici qeghda fi process ta' amalgamazzjoni f'kumpanija ohra; li t-talbiet attrici ma ghandhomx jintlaqghu ghaliex l-oggetti kienu gew mibjugha u ghalhekk saru proprjeta' tal-attrici, bl-unika possibilita' pattwita bejn il-partijiet fil-mument tal-bejgh kienet dik li dwar certi kotba setghu jekk ritornati fi stat sodisfacenti tinhareg credit note ghal permuta ma' kotba ohra kontrihom; li l-offerta tal-permuta ghadha miftuha; li s-Socjeta' attrici ma ghandhiex ragun f'din il-kawza ghaliex ma kienx miftiehem li tista tigi maghmula ebda talba ta' hlas u t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Ra l-affidavit ta' Gordon Pace Bonello Direttur tas-Socjeta' attrici li spjega li wahda mill-istaff taghhom kienet ikkuntatjat lil Sierra Limited u qaltlu li kienu ser jaghlqu l-hanut biex imorru jiehdu l-kotba li kienu xtraw lura u hekk sar, tawhom credit note ta' disa mija erbatax-il ewro u sebgha u disghin centezmu (€914.97c) u ppruvaw kemm-il darba jikkuntatjawhom biex jaghtuhom refund minflok credit note. Huwa jammetti li ma kien hemm ebda ftehim li kellhom jiehu xi xoghol iehor minflok il-credit note.

Ra d-dokumenti esebiti mill-istess Socjeta' attrici a fol 23 et.

Ra li a fol 36 is-Socjeta' attrici ddikjarat il-provi taghha maghluqa.

Ra l-affidavit ta' Matthew Vella a fol 38 et li permezz tieghu xehed li ebda flejjes ma huma dovuti lis-Socjeta' attrici. Huwa spjega li kienu bieghu xi kotba lis-Socjeta' attrici u li kienu jaghmlu koncessjoni a diskrezzjoni taghhom li joffru l-possibilita' li xi kotba jigu ritornati lilhom u huma jaghtu credit note. Dan l-arrangament jafuh il-klijenti kollha taghhom. Huma hargu credit note lis-Socjeta' attrici u meta l-istess Socjeta' ghalqet il-hanut hija qed tippretendi flus minflok il-credit note.

Ra d-dokumenti esebiti mill-konvenuti a fol 41 et u x-xhieda kollha prodotti.

Ikkunsidra

Li l-partijiet kellhom relazzjoni kummercjali bejniethom li permezz tieghu Sierra Book Distributors tforni kotba lis-Socjeta' attrici u din tal-ahhar tirritorna kotba li ma tkunx bieghet lura u tinghata credit note. Gara li s-Socjeta' attrici ghalqet dan in-negozju u qed tippretendi flus minflok din il-credit note. Il-konvenuti jikkontendu li ma ghandhom ihallsu xejn ghax qatt ma kien hemm ftehim f'dan is-sens u ma hemm xejn xi jzomm lis-Socjeta' attrici milli taghmel uzu minn din il-credit note.

Dwar il-ftehim bejn il-partijiet, kif jghid Baudry Lacantinerie – Delle Obbligazioni Vol. 1 pagina 4: "Una convenzione e' il risultato dell' accordo di due o piu persone che s'intendono per costituire tra di esse una obbligazione o per estinguere o modificare un'obbligazione preesistente" u f'pagna 393 ikompli "Le convenzione legalment formate tengono luogo di legge per colore che le hanno fatte. Cio significa che le convenzioni hanno, in massima, relativamente alle parti, la forza stessa della legge. In altri termini, le parti sono vincolate col loro consenso cosi' rigorosamente come sarebbero per la volonta' stess adel legislatore…I tribunali dunque non possano, invocando una ragione di equita' rifiutarsi di far eseguire una convenzione .. Dal momento che I tribunali sono incaricati di assicurare l-esecuzione delle convenzioni, essi hanno la facolta' di determinare la loro natura e la loro portata, in breve, in interpretarle" u f'pagna 339 "Esse (le convenzioni) devono essere eseguite in buona fede .. cioe' conforme all'intenzione delle parti ed allo scopo ch'esse si sono proposte contrattando…le convenzioni obbligano non soltanto a cio che vi e' espresso, ma anche a tutte le conseguenze che 'equita', l'uso o la legge danno all'obbligazione secondo la sua natura."

Illi ghalhekk tali ftehim li kien hemm bejn il-partijiet jehtieg li jkun esegwit in buona fede miz-zewg nahat. Mill-provi jirrizulta li meta s-Socjeta' attrici rritornat il-kotba kellha diga l-hsieb li taghlaq in-negozju taghha u ta' dan ma gharfet xejn lill-konvenuti tant li kieku gharfuha huma ma kienux jaccettaw il-kotba lura. Dan huwa konfermat mill-partijiet stess meta l-ftehim kien minn dejjem li tali credit note taghmel tajjeb ghal xiri ta' kotba mis-Socjeta' attrici. Difatti dok MV2 mibghuta minn Matthew Vella turi bic-car li rapprezentant tas-Socjeta' attrici certu Keith kien informah li l-kumpanija kienet ser tiehu konsenja ta' kotba ohra f'Gunju, haga li ma saritx. Illi anke d-Direttur Gordon Pace Bonello, Direttur tas-Socjeta' attrici ghalkemm xehed li l-credit note kienet ta' disa'

mija u tnejn u disghin ewro u sebgha u disghin centezmu (€929.97c) fl-affidavit tieghu, effettivament minn Dok 'A' esebit minnu stess a fol 24 jirrizulta li din kienet ta' elf mija tmienja u tletin ewro u tlieta u sittin centezmu (€1,138.63c) u li harget fl-24 ta' Frar, 2015 u li minnha tnaqqsu ammonti li kienu ghadhom dovuti biex b'hekk baqa' il-bilanc mitlub f'din il-kawza.

Illi inoltre skont kif ikkonferma Matthew Vella ma hemm xejn xi jzomm lis-Socjeta' attrici milli tuza fi prodotti li jfornu l-konvenuti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba tas-Socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-istess Socjeta' attrici.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**